# REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 24 ta' 2025, miżmuma nhar il-Erbgħa, 20 ta' Awwissu 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 23
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Permess għal-impjieġ ġdid fil-Kunsill Reġjonali – Fondi Lokali u Ewropej u proġetti oħra.
   - 5.2 Permess għal-impjieġ ġdid fil-Kunsill Reġjonali – Clerk Skala 15
   - 5.3 Proposti mill-kunsilli rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025
   - 5.4 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun
   - 5.5 Punti Oħra ta’ diskussjoni
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea informa li s-Sindki Dale Hayman, Gabriel Micallef u Stefan Cordina huma skuzati.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.23**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 23 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Punti mill-minuti – B’referenza għal punt nr. 3.5. “Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun u rapport lid-Divisjoni tal-Gvern Lokali”– il-Perit Ċensu Galea staqsa jekk kienx hemm tweġiba. Il-President wieġeb li r-Reġjun kien għadu mingħajr tweġiba

B’referenza għal punt nr. 3.9 – “Xiri ta’ Office Safe ghal flus kontanti u dokumenti important” – il-Perit Ċensu Galea ssuġerixxa li għandha tinbidel il-kelma jinħażnu għal jinżammu.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mill-Kunsillier Norbert Dalli, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

## 3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President

### 3.1 Aġġornament – Deep Blue Green – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Il-President informa lill-membri li l-programm imfassal għall-Proġett Deep Blue Green jinsab kważi finalizżat, iżda s’issa ma waslet l-ebda komunikazzjoni mingħand il-Kunsilli Lokali dwar attivitajiet li se jkunu organizzati minnhom, inklużi dawk potenzjalment assoċjati ma’ Sport Malta.

Bħala parti mill-inawgurazzjoni tal-proġett, il-President stieden lis-Sindki kollha jew lil delegati tagħhom sabiex jattendu għal ‘opening tal-attivitajiet’ li se ssir fil-23 ta’ Settembru 2025 fil-Bajja ta’ Għadira fid-9:30am. Din iċ-ċerimonja se tkun marbuta online ma’ pajjiżi oħra li qed jipparteċipaw fil-proġett, u qed isir sforz sabiex tiġi organizzata wkoll konferenza stampa relatata.

Matul l-attività, se jkunu preżenti wkoll iċ-CEO u l-Assistent Direttur tal-Komunità Anzjanità Attiva, flimkien ma’ rappreżentanti mill-Unità għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, li se jkunu qed juru materjal edukattiv relatat mal-proġett.

### 3.2 Aġġornament – Il-ktieb The Colourful North

B’referenza għall-punt numru 3.13 tal-laqgħa numru 20, il-President informa li ġie magħżul is-servizz ta’ publikatur għall-ktieb The Colourful North, li mistenni jkun lest u jiġi ppubblikat għal ħabta ta’ Diċembru. Il-membri ġew infurmati wkoll li qed jintalbu aġġornamenti dwar il-bollol, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru flimkien mal-ktieb.

### 3.3 Aġġornament - Vjaġġi Edukattivi bid-Dgħajsa Madwar Filfla

Il-membri ġew infurmati li l-mawra li kienet ippjanata għall-1 ta’ Awwissu 2025 ġiet posposta għall-26 ta’ Awwissu minħabba baħar mqalleb. S’issa, jidher li dan il-vjaġġ edukattiv għadu *fully booked*.

### 3.4 Aġġornament – Initial insights on the new MFF proposal | Equality + Reminders

Il-President informa lill-membri li ġiet riċevuta stedina għall-konferenza internazzjonali “Reshaping Power for Equality” li se ssir f’Stokkolma bejn it-23 u l-24 ta’ Settembru 2025. Din il-konferenza, koorganizzata minn UCLG u

SALAR, hija meqjusa bħala opportunità ta' livell għoli ta' skambju u diskussjoni. Madankollu, il-President informa li mhux se jattendi minħabba impenji oħra.

**3.5 Aġġornament – Tender ta' CCTVs.**

Il-President informa lill-membri li għadna ma rċevejniex l-informazzjoni mitluba mingħand il-Kunsilli Lokali kollha. Filwaqt li l-proposta ta' 50 CCTV kull kunsill ġiet approvata, xorta hemm il-ħtieġa li tinġabar l-informazzjoni mingħand il-Kunsilli għal raġunijiet ta' trasparenza. Il-President informa wkoll li għada se ssir riċerka sabiex jitkompla l-proċess ta' allokazzjoni tal-baġit u l-ħruġ tat-tender.

Il-membri qablu li r-riċerka għandha ssir sabiex il-proċess jimxi 'l quddiem b'mod strutturat.

**3.6 Cir AKL/Regjuni 003/202 : Parteċipazzjoni fil-Kaleiçi Old Town Festival 2025 (Antalya, 9–12 Ottubru)**

Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-koordinazzjoni tad-delegazzjoni Maltija għall-Kaleiçi Old Town Festival f'Antalya, bejn id-9 u t-12 ta' Ottubru 2025. Id-delegazzjoni se tinkludi żewġ Uffiċjali tal-Kultura u Funds Manager, bil-għan li jippreżentaw proġetti reġjonali u jniedu diskussjonijiet għal kollaborazzjonijiet taħt programmi Ewropej. L-organizzaturi se jipprovdu akkomodazzjoni u ikel, filwaqt li l-Assoċjazzjoni se tkopri t-titjira; il-per diem jitħallas mir-Reġjun.

Wara diskussjoni, il-membri qablu li r-Reġjun ma jipparteċipax minħabba nuqqas ta' riżorsi umani.

**3.7 Expression of Interest – Informative Signage on Cannabis Use in Public Spaces**

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar kollaborazzjoni mal-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC), bl-għan li titjieb l-għarfien pubbliku dwar il-qafas legali tal-użu tal-kannabis f'Malta.

Id-Diviżjoni qed titlob lill-Kunsilli Lokali jikkunsidraw il-parteċipazzjoni tagħhom u jipprovdu feedback dwar l-interess li jospitaw sinjali, is-siti proposti, in-numru meħtieġ, u l-opportunità ta' co-branding.

Wara diskussjoni, ma kienx hemm qbil kollettiv, u l-membri ser jirrispondu f'kapaċità individwali bħala Kunsilli Lokali.

**3.8 Proposal to Present City-to-City Exchanges Initiative at Regional Council Meeting**

Il-President informa li r-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-inizjattiva City-to-City Exchanges taħt l-European Urban Initiative (EUI), li tħeġġeġ kollaborazzjoni bejn bliet Ewropej u l-qsim ta' soluzzjonijiet prattiċi. Id-Diviżjoni, flimkien ma' SEM, esprimiet ix-xewqa li tippreżenta din l-inizjattiva f'sessjoni ta' 30 minuta qabel jew wara laqgħa reġjonali bejn Settembru u Novembru 2025.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li s-sessjoni ssir mal-laqgħa ta' Ottubru jew Novembru, u ser tintbagħat risposta uffiċjali minn naħa tar-Reġjun.

**3.9 Aġġornament - Tabelli – Diċenza Pubblika**

B'referenza għall-punt 3.3 tal-Laqgħa Numru 21, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ġew installati 40 tabella fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar bl-għan li jinformaw lit-turisti u lill-viżitaturi dwar il-liġijiet vigenti, fosthom dawk relatati mad-deċenza pubblika. Din l-inizjattiva saret bil-finanzjament tar-Reġjun Tramuntana.

**3.10 Conference of the Parties - COP 30 - 10 – 21 ta' Novembru 2025**

Il-President informa lill-membri li ser terġa' ssir il-Konferenza tal-Partijiet (COP), din id-darba bl-isem ta' COP 30, li se tkun organizzata fil-Brażil bejn id-10 u l-21 ta' Novembru 2025. Il-President esprima x-xewqa li jattendi din il-konferenza. Wara diskussjoni, ma ntlaħqitx deċiżjoni formali.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Aiken Zerafa talab update rigward is-sitwazzjoni tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser ikun qiegħed jgħamel site visits rikjesti.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Permess għal-impjieġ ġdid fil-Kunsill Reġjonali – Fondi Lokali u Ewropej u proġetti oħra.**

Il-President ressaq il-ħtieġa li l-Uffiċċju tar-Reġjun Tramuntana jaħtar persuna responsabbli għall-ġestjoni ta' fondi lokali u Ewropej, kif ukoll proġetti relatati.

Fuq proposta tas-Sindku Paul Vella, issekondata mill-Kunsillier Norbert Dalli, il-membri qablu unanimement.

**5.2 Permess għal-impjieġ ġdid fil-Kunsill Reġjonali – Clerk Skala 15**

Il-President informa lill-membri li impjegat tar-Reġjun talab trasferiment għal Kunsill Lokali ieħor, u b'riżultat ta' dan se jinħoloq post vakanti ta' skrivan fuq Skala 15.

Fuq proposta tal-Kunsillier Aiken Zerafa, issekondata mis-Sindku Perit Ċensu Galea, il-membri qablu unanimement li tinfetaħ *vacancy* għal dan l-impjieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied li, permezz ta' dawn l-impiegi ġodda, ir-Reġjun ikun f'pożizzjoni aktar flessibbli biex joffri appoġġ fir-riżorsi umani lil Kunsilli Lokali li jkollhom bżonn.

**5.3 Proposti mill-kunsilli rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025**

Ir-Reġjun irċieva t-talba minn għand il-Kunsill Lokali tal-Mosta li ssir approvazzjoni għal sett ta' inizjattivi kulturali relatati mal-festa u l-kommemorazzjoni tal-anniversarju tal-Inkurunazzjoni, li ser isiru matul ix-xahar ta' Awwissu 2025.

Il-Kunsill Lokali tal-Mosta approva unanimament it-talba sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet li ġejjin permezz tal-Fond tar-Reġjun:

- €1,000 lil Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu għal 3D mapping fil-14 ta' Awwissu
- €1,000 lil Soċjetà Filarmonika Santa Marija għal feature kommemorattiv fil-12 ta' Awwissu
- €1,000 lil Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard għal feature kommemorattiv fil-10 ta' Awwissu
- €4,000 lil Mosta Rotunda Foundation għal kunċert speċjali fit-2 ta' Awwissu

It-talba saret bħala proposta unika sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tal-fondi.

Il-President informa lill-membri li, jekk il-Kunsill Reġjonali japprova din it-talba, għandhom jintbagħtu invoices separati lill-Reġjun Tramuntana li

jinkludu d-dettalji kollha relatati mal-inizjattivi. Kif ukoll jiġu mħarsa il-linji gwida stipulati għal dan il-fond.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Aiken Zerafa issekondat mis-Sindku Dot. Christopher Deguara kien hemm qbil unanimu.

**5.4 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun**

B'referenza għad-diskussjoni tal-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv qasam mal-membri l-punti mressqa minn Dr. Angelo Micallef li huma għall-iskop ta' diskussjoni u feedback f'din il-laqgħa reġjonali. Dr. Micallef esprima t-tħassib tiegħu dwar is-sistema ta' ġbir ta' skart fid-djar li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2023, u li skontu mhux biss fallew l-iskopijiet oriġinali ta' armonizzazzjoni u economies of scale, iżda saħansitra wasslu għal sfidi serji fil-lokalitajiet.

1. L-iskop oriġinali għar-riforma li saret f'Jannar 2023 fejn il-ġbir ta' l-iskart ġie mgħoddi mill-Kunsilli Lokali għar-reġjuni kien sabiex ikun hemm godiment ta' *economies of scale* u sabiex ikun hemm sistema armonizzata. Huwa car li ż-żewġ skopijiet mhux biss fallew imma saħansitra kienu kontro-produttivi.
2. Minflok armonizzazzjoni hemm sitwazzjoni fejn bosta Kunsilli qed iħabbtu wicchom ma' sfidi li ma' jistgħux jiġu ndirizzati għaliex is-sistema hija riġida u marbuta b'wisq rabtiet. Dan qiegħed iwassal għal problemi ta':-
   a. Akkumulazzjoni ta' skart għal ħinijiet estiżi
   b. Skedi ta' ġbir li ma' jirriflettux il-ħtiġijiet lokali
   c. Sistema li ma' tippermettix li tiġi aġġornata skond il-bidliet tal-lokalita' u li għalhekk ma' tiriflettix l-isfidi preżenti tal-lokalita' fosthom ta' żieda fil-popolazzjoni nkluż dik staġjonali
   d. Kunsilli li spiccaw mneżżgħa min kull poter u għalhekk bla abbilta' li jieħdu passi iebsa meta dawn ikunu meħtieġa
3. Infurzar dgħajjef, fjakk u mhux riflessiv tar-realitajiet lokali għaliex il-Kunsilli lokali ġew mgħormija f'ġenb minflok nimxu bil-politika tas-sussidjarjeta'
4. Għar min hekk, minflok nitgħallmu mill-iżbalji, ser nkomplu nwebbsu rasna u nkomplu ninsistu li kull lokalita' tilbes l-istess żarbun u li l-kunsill ikun non-entita fit-tħaddim tas-sistema

Għalhekk nemmu li minnufih:-

I. Għandu jkun hemm studju car sabiex naraw kif nistgħu tassew ngawdu min sens ta' armonizzazzjoni u *economies of scale* b'kollaborazzjonijiet fuq

livell reġjonali li madankollu jippermettu li s-sistema tkun 'tailored' għall-isfidi ta' kull lokalita' b'mod partikolari

II. Għandu jkun il-Kunsill Lokali li jkun fid-driving seat tas-servizz offrut fil-lokalita' tiegħu nkluż b'sehem dirett fuq l-infurzar

III. Għandu jkun hemm reviżjoni li tirifletti r-realta' fejn tidħol l-iskeda tal-ġbir, b'żieda fil-ġbir li tgħin sabiex forsi sa fl-aħħar jintlaħqu l-miri tar-riciklaġġ

IV. Il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw ir-riżorsi finanzjarji, legali u umani sabiex iħaddmu sistema li tassew tixraq lir-residenti u li tassew twassal sabiex nagħmlu qabża il-quddiem. Dan ikun investiment għal kwalita ta' ħajja aħjar.

Fis-18:15, il-Viċi President Dr. Angelo Micallef ingħaqad mal-laqgħa.

Wara li saret diskussjoni bejn il-membri intlahaq ftehim li ssir konferenza stampa nhar is-Sibt 30 ta’ Awwissu. Il-lokazzjoni ser tiġi mifthema aktar viċin tad-data.

Fuq proposta tal-Viċi President Dot. Angelo Micallef issekondata mis-Sindku Dot. Christopher Deguara kien hemm qbil unanimu.

**5.5 Punti Oħra ta’ diskussjoni**

**5.5A – Xogħolijiet ta’ Manutenzjoni: Air Conditioner fl-Uffiċċju**

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni ta’ €2,783.62 mingħand Titan International, li huma l-uniku fornituri tas-sistemi Hitachi AC. Il-kwotazzjoni tirreferi għat-tiswija tal-air conditioner fl-uffiċċju, li ilu ma jaħdim għal diversi xhur.

**5.5B – Xogħolijiet ta’ Manutenzjoni: Sistema ta’ Intruder Alarm fl-Uffiċċju**

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni ta’ €1,163.00 mingħand Alberta, li huma l-fornituri tas-sistema ta’ intruder alarm installata fl-uffiċċju. Din il-kwotazzjoni saret sabiex tiġi aġġornata s-sistema eżistenti, li bħalissa mhix qed taħdem kif suppost. Minħabba li hi antika, il-fornituri m’għadhomx jipprovdu servizz jew partijiet għal dik is-sistema.

**5.5C – Xogħolijiet ta’ Manutenzjoni: Tibdil ta’ l-art fil-Boardroom**

Saru wkoll kwotazzjonijiet sabiex jinbidel il-parquet fil-boardroom minħabba ħsara viżibbli u persistenti li teħtieġ intervent ta’ manutenzjoni. L-ispiża stmata għal dan ix-xogħol hija ta’ madwar €3,000. Madankollu, dan l-intervent se jitwettaq aktar il-quddiem, peress li bħalissa qed tingħata prijorità lil affarijiet aktar urġenti.

**Deċiżjoni** Fuq proposta tal-Viċi President Dr. Angelo Micallef, issekondat mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu li s-servizzi msemmija f’punti 5.5A, 5.5B u 5.5C jiġu approvati.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 191 għall-perjodu bejn it-22 ta’ Lulju 2025 u l-14 ta’ Awwissu 2025. Il-Perit Ċensu Galea staqsa dwar il-punt numru 36, li jirreferi għal ħlas dovut lill-Kunsill Lokali tar-Rabat relatat mal-iskema SPI/SCI/03/2020. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-fondi relatati jinsabu għand ir-Reġjun u għalhekk jistgħu jitħallsu.

L-iskeda msemmija ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Paul Vella, issekondata mill-Kunsillier Norbert Dalli, u l-membri qablu unanimement.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta u nofs (18.30) ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 22 ta’ Settembru 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tnejn 22 ta’ Settembru 2025